# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili
# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Erbgha 3 ta' Ottubru 2001

Citazzjoni numru 3235/96 AJM

Kawza numru

Marsovin Limited

Vs

Simon Diacono bhala direttur u in rappresentanza tas-socjeta' Bencini & Diancono Co. Ltd u f'ismu proprju bhala garanti solidali mal-istess socjeta'.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-14 ta' Novembru 1996 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet illi hija kreditrici tal-konvenut nomine u proprio bhala garanti solidali mas-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' disa' u ghoxrin elf u tlett mitt lira maltin sitta u erbghin centezimu u hames millezimi (LM29,300.46,5) bilanc ta' somma akbar, prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata kif jidher mill-prospett Dok

B, flimkien mal-imghax legali mic-citazzjoni, liema dejn hu cert, likwidu u skadut; illi fil-fehma tas-socjeta' attrici il-konvenut pro et noe m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba ghall-hlas tal-ammont mitlub u ghalhekk hu l-kaz li din il-Qorti tiddecidi skond it-talba biddispensa mis-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; talbet li din il-Qorti:-

1. tiddecidi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-art. 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM29,300.46,5 bilanc ta' somma akbar, prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata skond il-prospett (Dok B) flimkien mal-imghax legali mid-data tac-citazzjoni.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra legali kontra l-konvenut pro et noe li jibqa' ngunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rta id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Dicembru 1996 li permezz tieghu l-konvenuti inghataw il-fakolta li jikkntestaw it-talba attrici.

Rat in-nota tas-socjeta konvenuta presentata fit-18 ta' Dicembru 1996 li permezz taghha eccepiet:-

1. Fl-ewwel lok il-lis alibi pendens billi hemm proceduri pendenti dwar l-istess mertu quddiem l-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust u ghalhekk din il-kawza trid tistenna l-ezitu tal-pendenza quddiem dik il-kummissjoni.

2. Illi l-ammont reklamat ma hux wiehed korrett billi l-ammont se mai dovut huwa inferjuri ghal dak imsemmi fic-citazzjoni.
3. Illi kien hemm diversi kommissjonijiet imwiegheda li ma gewx imdahhla fil-kont kurrent ta’ bejn il-partijiet.
4. Illi l-attur ikkawza diversi danni lill-konvenut b’l-agir alusiv tieghu u dawn ukoll iridu jitnaqqsu mill-kont kurrent.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tas-socjeta’ konvenuta.

Rat in-nota tal-konvenut proprio presentata fit-18 ta’ Dicembru 1996 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi kwantu huwa mharrek personalment in-nuqqas ta’ integrita’ tal-gudizzju billi martu ma gietx imharka ukoll.
2. Illi l-ftehim f’liema giet stipulata l-garanzija spicca u ma giex imgedded u ghalhekk huwa ma hux personalment garanti tas-socjeta’ konvenuta.
3. Illi huwa jassocja ruhhu f’ l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta’ konvenuta u jaghmilhom tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut proprio.

Rat is-sentenza preliminari tas-6 ta’ Ottubru 1997 meta l-ewwel eccezzjoni ossia dik tal-lis alibi pendens sollevata mill-konvenuti giet michuda.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Din il-kawza bdiet bhala procediment sommarju a termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi s-socjeta' attrici kienet qed titlob li s-socjeta konvenuta u l-konvenut Simon Diacono, bhala garanti soldiali mal-istess socjeta', jigu kundannati jhallsu is-somma ta' LM29,300.46,5 rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija li l-istess socjeta' attrici kienet ikkonsenjat lis-socjeta' konvenuta qua agent ossia distriburt taghha.

Bid-digriet fuq imsemmi l-konvenuti inghataw l-opportunita' li jikkontestaw it-talba attrici u bhala rizultat tresqu kwantita' ta' provi, li fil-fehma ta' din il-Qorti kienu irrelevanti u superfluwi u intizi izjed intizi biex l-konvenut juri d-disappunt tieghu bil-mod kif giet tarattat bhala agent u it-telf allegatment soffert bhala rizultat tar-relazzjonijiet tieghu mas-socjeta' attrici.

Mil-1986 il-konvenut, l-ewwel fil-kapacita' tieghu personali, u mis-sena sussgwenti in rappresentanza tas-socjeta' Bencini & Diacono Co. Ltd , kien jagixxi ta' agent/distributur tas-socjeta' attrici ghad-distrett ta' Sliema, Gzira, San Giljan u Paceville. Dan l-arrangament kien jkun inkorporat fi skrittura privata li kienet tkopri perjodi determinati izda li meta tiskadi kienet tigi renovata billi ssir ohra bl-istess kondizzjonijiet. Fl-1 ta' Lulju 1990 kienet giet iffirmata l-ahhar skrittura li kellha validita' ta' hames snin u li skond l-klawsola numru 22 setghet tigi mgedda biss bi ftehim espress bil-miktub bejn il-partijiet. Fuq din l-iskrittura il-konvenut Simon Diacono fil-kapacita' tieghu personali iggarantixxa solidalment

mal-kumpanija Bencini & Diacono Co. Ltd l-obbligi kollha assunti mill-istess kumpanija in forza tal-istess ftehim.

Gara li meta fl-1995 l-partijiet regghu gew biex jgeddu l-kuntratt is-socjeta' attrici talbet li bhala kondizzjoni ghal dan it-tigdid, l-konvenut Diacono kellu mhux biss jigarantixxi personalment l-obbligi tas-socjeta' konvenuta, izda kellu ukoll jaghmel tajjeb b'ipoteka specjali fuq il-proprjeta' tieghu. Dan is-suggeriment izda gie rifjutat, principalment billi mart il-konvenut oggezzjonat, u konsegwentement meta skada l-kuntratt ma regax sar iehor. B'dana kollu l-partijiet baqghu mixjin bin-negozju ta' bejniethom bhal li kieku ma gara xejn, u mhux talli hekk, talli f'Settembru ta' dik is-sena, wara insistenza tal-konvenut u shabu l-agenti l-ohra, ir-rata ta' "commission" giet riveduta minn 1% ghall-2%.

Mix-xhieda tal-konvenut u anke ta' diversi persuni ohra f'sitwazzjoni analoga ghall-tieghu, jidher li l-operazzjoni tal-'agency agreement' ma kienetx sodisfacjenti billi, kif gie allegat, l-agenti kienu qed jigu mghobbija b'diversi spejjes u obbligi mis-socjeta' attrici b'mod li l-margini tal-profitt taghhom kien qed jispicca fix-xejn u anzi kienu qed jaghmlu telf minn dan in-negozju. Dan dejjem kif allegat billi provi ma ingibux. Din is-sitwazzjoni jidher li waslet fil-quccata taghha fis-sena 1996 meta uhud mill-agenti, fosthom il-konvenut, tramite l-General Retailers and Traders Union (GRTU), resqu ilment quddiem l-Ufficju tal-Kompetizzjoni Gusta fejn allegaw li is-socjeta' attrici kienet qed tagixxi maghhom b'abbuz tal-posizjoni dominanti taghha u b'hekk imponiet fuqhom kundizzjonijiet kummercjali ingusti bi hsara ghall-konsumatur jew provvedituri.

Il-proceduri fuq imsemmija tressqu wara li l-konvenut kien irrizenja minn agent tas-socjeta' attrici wara li din kienet qed tinsisti li jonora l-obbligi tieghu skond il-kuntratt u jhallas l-ammonti dovuti ghall-perjodu ta' tlett gimghat li kienu lahqu cirka erbghin elf lira. Il-konvenut effettivament hallas is-somma ta' LM10,000 u dana biex jinghata l-opportunita' li jikkomunika mad-diretturi tas-socjeta' attrici sabiex tinstab soluzzjoni. Jidher pero' li ma intlahaqx ftehim u l-konvenut nomine, fuq parir tal-GRTU u anke tal-konsulent legali tieghu, minflokk onora l-obbligi skond l-kuntratt billi hallas dak li kien dovut, uza l-istess flus biex hallas kull ammont li kellu "in overdraft" mal-bank.

Ikkunsidrat:-

Alfred Lupi, Finacial controller tas-socjeta' attrici, ikkonferma li l-ammont indikat fic-citazzjoni kif rifless fid-Dokument B a fol 5 tal-process jirrispekkja il-prezz tal-merkanzija li kienet giet konsenjata lill-konvenut nomine u minnu mibjugha u dana wara li gew kkreditati lill-konvenut l-"commissions" kollha dovuti lilu sa dakinhar. Inoltre gie rilevat li l-ammonti dovuti kienu jigu addebitati lill-konvenut periodikament anzi kull gimgha u sa l-incident in kwistjoni l-konvenut qatt ma kien oggezzjoni jew irrifjuta li jhallas.

Il-konvenut izda illum qed jeccepixxi li l-ammont reklamat mhux dovut billi:-

a) huwa eccessiv;

b) kummissjonijiet imwiegheda ma gewx imdahhla, u

c) huwa sofra danni bl-agir abbusiv tal-attur.

Fir-rigward tal-eccezzjoni li l-ammont huwa eccessiv l-konvenut donnu qed jallega li l-kont gie mahdum fuq "stock take" li ma sarx fil-presenza tieghu wara li kien sar "stock take" minnu flimkien ma Peter Schembri, impjegat tas-socjeta' attrici. Izda l-konvenut in sostenn ta' din l-allegazzjoni la pproduca l-ewwel "stock take" u lanqas it-tieni wiehed. Ghalhekk din l-allegazzjoni tibqa' biss allegazzjoni li ma tistax tigi kunsidrata.

Fir-rigward tal-eccezzjonijiet l-ohra jigi rilevat li l-konvenut, jekk verament kellu xi kerditi ghall-"commissions" jew 'claims' ghad-danni fil-konfront tas-socjeta' attrici, dan kellu jew jistitwixxi proceduri ad hoc jew ghal anqas jipprevalixxi ruhhu mid-dritt tal-kontro talba sabiex dawn jigu kunsidrati u tittiehed decizjoni dwarhom. Allegazzjonijiet simili maghmula per via d'eccezzjone, ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni minn din il-Qorti.

L-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, kif ukoll tal-konvenut proprio inkwantu dan assocja ruhu mal-istess eccezzjonijiet fil-mertu, ghalhekk qed jigu respinti.

Ikkunsidrat:-

Dawn il-proceduri, kif gja inghad fuq, qed jittiehdu mhux biss kontra s-socjeta' li kienet tagixxi ta' agent tas-socjeta' attrici, izda ukoll kontra il-konvenut Simon Diacono inkwantu qed jinghad li huwa iggarantixxa personalment l-obbligi assunti mis-socjeta' li taghha kien direttur.

Il-konvenut Simon Diacono personalment f'dan ir-rigward qed jeccepixxa:-

a) in-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju billi martu ma gietx mharka ukoll,

b) l-inezistenza tal-obbligazzjoni.

Fil-verita' it-tieni eccezzjoni ghandha tigi kunsidrata qabel l-ewwel wahda billi jekk l-obbligazzjoni ta' garanzija ma tezistix, jkun futili li wiehed jikkonsidra in-necessita' tal-presenza ta' mart il-konvenut fil-gudizzju.

Kif gja inghad fuq ir-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti kienu regolati bi skrittura privata ta' l-ewwel ta' Lulju 1990 li skadiet fit-30 ta' Gunju 1995. Jidher li ma hemmx kontestazzjoni li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici jirreferi ghall-debiti tas-socjeta' Bencini & Diacono ghal perjodu antecedenti li skadenza tal-imsemmija skrittura. Dan billi, kif ripetutament qal il-Financial Controller tas-socjeta' attrici, s-socjeta' konvenuta kienet dejjem regolari fil-hlas u kien biss ghall-tlett gimghat ta' Settembru 1996 li din ma onoratx l-obbligi taghha u per konsegwenza akkumula d-debitu imsemmi fic-citazzjoni.

Issa l-artikolu 1233 tal-Kap 16 jipprovdi li "Bla hsara tal-kazijiet li fihom il-ligi, espressament, taghmel mehtieg l-att pubbliku, **ghandhom** isiru b'att pubbliku jew b'kitba privata, taht piena ta' nullita' (c) **il-garanziji**. Dan jfisser li ebda garanzija ma tista' tinghata effett jekk ma tirrizultax ghal anqas minn skrittura privata. Fil-kaz in ezami l-konvenut proprio bl-iskrittura ta' l-1 ta' Lulju 1990 kien obbliga ruhu personalment solidalment mas-socjeta' Bencini & Diacono sabiex jiggarantixxi l-obbligi tal-istess socjeta'. Din l-obbligazzjoni skadiet fit-30 ta' Gunju 1995 billi il-ftehim ma giex mgedded "bi ftehim espress bil-miktub bejn il-partijiet."

Is-socjeta' attrici izda qed issostni li giala darba l-partijiet, minkejja li l-ftehim kien skada, baqghu joperaw flimkien fuq l-bazi tal-ftehim ta' l-1 ta' Lulju 1990, allura l-obbligazzjoni assunta mill-konvenut proprio baqghet tissustixxi.

Din il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni. Jigi rilevat li l-kuntratt ta' l-1 ta' Lulju 1990 fil-verita' jikkontempla zewg obbligazzjoni separati u distinti. Mill-banda wahda hemm l-"agency agreement" bejn is-socjeta' attrici u is-socjeta' Bencini & Diacono Co. Ltd; u mill-banda l-ohra hemm l-obbligazzjoni, separata u distinta, tal-konvenut Simon Diacono li jiggarantixxi l-obbligi tas-socjeta' minnu rappresentata. Ghalhekk il-fatt li l-partijiet baqghu jaghtu effett ghall-"agency agreement" li kien jirregola in-negozju ta' bejniethom, dan ma jiffisrix li l-garanti baqa' marbut wara l-iskadenza tal-imsemmi ftehim. Simon Diacono kien espressament intrabat bhala garanti, mhux biss fir-rigward tal-obbligazzjonijiet assunti mis-socjeta' konvenuta izda **ghal perjodu stipulat fil-kuntratt** in kwistjoni. Ghalhekk meta skada dak il-kuntratt, ghalkemm il-principal u l-agent baqghu jahdmu flimkien, l-obbligazzjoni tal-garanti kienet terminata.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija filwaqt li l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha tas-6 ta' Ottubru 1997, meta l-eccezzjoni tal-lis alibi pendens sollevata mis-socjeta' konvenuta giet michuda bl-ispejjes kontra l-istess socjeta', tipprovdi fuq it-talba attrici billi filwaqt li tillibera lill-konvenut Simon Diacono minn kull responsabbilita''personali fil-konfront tad-debitu dovut mis-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talba attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta billi tikkundanna lill-istess socjeta' thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disgha u ghoxrin elf u tlett mitt lira

maltin sitta u erbghin centezimu u hames millezimi (LM29,300.46,5) bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni.

Bl-ispejjes, apparti dawk gja decizi, kontra s-socjeta' konvenuta, hlief ghal dawk li jikkoncernaw l-konvenut Simon Diacono personalment li ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' attrici.

Onor Imhallef Albert J. Magri